

32005D0372

17.5.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 124/41

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-3 ta' Marzu 2005

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista Demokratika tas-Sri Lanka dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni**

(2005/372/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63 (3)(b), flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nnegożjat, fisem il-Komunità Ewropea, Ftehim mar-Repubblika Soċjalista Demokratika tas-Sri Lanka dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni.
- (2) Dan il-Ftehim ġie ffirmat, fisem il-Komunità Ewropea, fi 4 ta' Ġunju 2004, suġġett għall-possibbiltà li jiġi konkluż f'data aktar tard, skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 25 ta' Novembru 2003.
- (3) Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat.
- (4) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt ta' Riammissjoni li jista' jieħu deċiżjonijiet li jkollhom effett legali fuq ċerti materji tekniċi. Huwa għalhekk xieraq li jiġu provduti proċeduri simplifikati għall-elaborazzjoni tal-pożizzjoni tal-Komunità f'każijiet bħal dawn.
- (5) Skond l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit innotifika x-xewqa tiegħu li jipparteċipa fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 tal-Protokoll imsemmi, l-Irlanda ma tipparteċipax fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

(7) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Soċjalista Demokratika tas-Sri Lanka dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni, bid-dikjarazzjonijiet annessi miegħu, huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 21(2) tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, mgħejjuna minn esperti ta' l-Istati Membri, għandha tirrappreżenta l-Komunità fil-Kumitat Konġunt ta' Riammissjoni stabbilit mill-Artikolu 17 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Il-pożizzjoni tal-Komunità fil-Komitat Konġunt ta' Riammissjoni fir-rigward ta' l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu kif meħtieġ mill-Artikolu 17(5) tal-Ftehim għandha tittieħed mill-Kummissjoni wara li tikkonsulta ma' komitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

Għal deċiżjonijiet oħra tal-Komitat Konġunt ta' Riammissjoni, il-pożizzjoni tal-Komunità għandha tiġi adottata mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussel, 3 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
F. BILGEN